**Kulleġġ San Tumas More**

**Skejjel Primarji**

**Eżami ta' Nofs is-Sena**

**IL- MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)**

**Il-Karta tal-Għalliema**

**Ir-Raba' Sena** **Frar 2016** **Il-Ħin: 30 minuta**

**Il-Karta tal-Għalliema**

**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami**

**Ir-Riżorsi:**

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | |
|---|---|
| 1- Se tinqralhom l-istorja: It-Teżor il-moħbi | (3 minuti) |
| 2- Se jinqrawlhom il-mistoqsijiet kollha mogħtija għal darba biss. | (3 minuti) |
| 3- Se tinqralhom l-istorja għat-tieni darba. | (3 minuti) |
| 4- Se tinqralhom l-ewwel parti tal-istorja għal darbtejn. | (3 minuti) |
| 5- Għandhom iwieġbu l-mistoqsijiet **1-6.** | (3 minuti) |
| 6- Se tinqralhom it-tieni parti tal-istorja għal darbtejn. | (3 minuti) |
| 7- Għandhom iwieġbu l-mistoqsijiet **7-12** | (3 minuti) |
| 8- Se tinqralhom l-istorja għat-tielet darba waqt kli jistgħu jwieġbu l-mistoqsijiet 13-18. | (4 minuti) |
| 9- Jistgħu jiċċekkjaw it-tweġibiet kollha u jkunu ċerti li mmarkaw waħda biss. | (5 minuti) |

**L-ewwel parti.**

1. Kienet kesħa xxoqq il-għadam. Kienet lejla xitwija, iżda t-temp kien bnazzi. Id-dawl tal-qamar beda dieħel minn ġot-tieqa. Fil-ħdax ta' bil-lejl instema' l-isverjalin idoqq. Il-kamra tal-ġenituri kienet 'il bogħod minn tat-tliet aħwa, Marika, Mark u Jessica u l-ħoss tal-isverjalin ma kienx jinstema' mill-kamra tal-ġenituri. Barra minn hekk kemm il-papá kif ukoll il-mamá kienu jorqdu fil-fond. It-tfal qamu mis-sodda u niżlu isfel inkiss inkiss.

'Isaw ħaffu,' qalilhom Mark, 'għax fil-ħdax u kwart irridu niltaqgħu mal-kuġini, Luke u Adriana fuq iz-zuntier tal-knisja!'

2. Mark fetaħ il-bieb tal-bitħa waqt li Marika libbset iċ-ċinga lil Bruce il-kelb ċkejken tagħhom, fil-waqt li qaltlu. 'Xxxxxx Bruce tinbaħx għax tqajjem lill-mamá u lill-papá. It-tfal fetħu l-bieb tad-dar u ħarġu bla ma għamlu l-iċken ħoss. X' ħin ħarġu mid-dar ħassew kesħa qawwija iżda tant kienu eċċitati biex ifittxu jiltaqgħu mal-kuġini ħa jmorru jfittxu t-teżor li ma ħabblux wisq rashom mill-bard ta' dak il-lejl.

3. Ma damux ma ltaqgħu mal-kuġini tagħhom. Meta ltaqgħu, Luke fetaħ il-basket u ħareġ mappa antika, waqt li beda jispjega li dik il-mappa ser tgħinhom biex isibu t-teżor.

**It-tieni parti**

1. Wara li damu jimxu madwar għoxrin minuta, waslu fit-tarf tar-raħal maġenb l-għelieqi. Għalkemm id-dawl tal-qamar kien qawwi, it-tfal xorta xegħlu t-torċ biex jaraw sewwa t-triq. Luke tefa d-dawl tat-torċ fuq il-mappa ħalli din tgħinhom isibu l-mogħdija t-tajba peress li issa kienu sejrin qalb l-għelieqi.

2. 'Irridu naqbdu dan il-passaġġ tan-naħa tal-lemin,' qal Luke. 'Wara nofs siegħa mixi naslu fejn l-għar fejn hemm moħbi t-teżor,' issokta jfehimhom Luke. It-tfal qabdu l-mogħdija tal-lemin u bdew mixjin qalb l-għelieqi. Waqt li kienu mixjin minn qalb ir-raba', il-klieb li kien hemm fl-għelieqi bdew jinbħu. Anka Bruce beda jinbaħ meta sema' l-inbiħ tal-klieb l-oħra. Iżda t-tfal sikktu lil Bruce u komplew mixjin bla tfixkil.

3. Wara nofs siegħa waslu ħdejn l-għar. Kien għar kbir b'bokka wiesgħa. It-tfal daħlu ġewwa l-għar. Malli daħlu fl-għar huma semgħu ħafna ħsejjes ta' ġwienaħ u raw ħafna friefet il-lejl itiru. Bruce inħasad u beda jinbaħ. Wara li daħlu aktar 'il ġewwa fil-għar raw kaxxa kbira tal-injam. It-tfal resqu lejha waqt li bdew jgħajtu ferħana, 'Hawn hu t-teżor! Sibnieh!'

4. Ma kinitx faċli biex jiftħu l-kaxxa, iżda Luke li kien tifel bilgħaqal u li kien jemmen fil-qawl 'Erfa' u sorr għal meta tiġi bżonn,' kien ħaseb għal kull ma seta' jkollhom bżonn. Fetaħ il-basket u ħareġ l-għodda biex jiftħu l-kaxxa. Hekk kif fetħu l-kaxxa t-tfal baqgħu mistagħġba b'dak li raw. Ġol-kaxxa kien hemm buqar mimli muniti tar-ram.

Immarka √ fil-kaxxa t-tajba:

L-ewwel Parti

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | L-istorja qed tirrakkonta ġrajja li seħħet fl-istaġun | | tas-sajf. |
| | | | tar-rebbiegħa |
| | | | tax-xitwa. |
| | | | tal-ħarifa. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2. | It-temp kien | | bnazzi. |
| | | | bix-xita. |
| | | | bir-ragħad. |
| | | | b'riħ qawwi. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3. | Fil-ħdax ta' billejl it-tfal | | raqdu. |
| | | | qamu mis-sodda. |
| | | | xorbu t-té. |
| | | | tfew it-televixin. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | Marika, Mark u Jessica kienu jrabbu | | kanarin. |
| | | | qattus. |
| | | | kelb. |
| | | | fekruna. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5. * | **Kesħa xxoqq il-għadam** tfisser: | | ftit kesħa. |
| | | | ħafna kesħa. |
| | | | li kien il-maltemp. |
| | | | kiser xi għadma. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6. | Mill-basket tiegħu Luke ħareġ | | ktieb sabiħ. |
| | | | ballun. |
| | | | flixkun ilma. |
| | | | mappa antika. |

**It-tieni parti**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7. | X' ħin waslu maġenb l-għelieqi t-tfal xegħlu | | t-torċ. |
| | | | x-xemgħa. |
| | | | l-bozza. |
| | | | l-lampa. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8. | It-teżor kien jinsab | | midfun fl-għalqa. |
| | | | taħt ħajt tas-sejjieħ. |
| | | | ġewwa l-għar. |
| | | | fuq iz-zuntier. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9. | It-teżor kien ġewwa kaxxa | | tal-kartun. |
| | | | tal-injam. |
| | | | tal-plastik. |
| | | | tal-ħadid. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10. * | Il-kelma **raba'** tfisser | | l-għelieqi. |
| | | | il-baħar. |
| | | | il-fjuri. |
| | | | il-blat. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. | Fl-għar kien hemm ħafna | | għasafar. |
| | | | ġrieden. |
| | | | friefet il-lejl |
| | | | gremxul. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. | Ġol-kaxxa kien hemm buqar mimli muniti | | tal-fidda. |
| | | | tad-deheb. |
| | | | tal-fuħħar. |
| | | | tar-ram. |

**Fuq l-istorja kollha:**

**Agħżel it-tweġiba t-tajba billi taqta' linja taħt il-kelma t-tajba.**

13. It-tfal ħarġu mid-dar (binhar ***jew*** billejl).

14. Marika, Mark u Jessica kienu (aħwa ***jew*** ħbieb).

15. Marika, Mark u Jessica kellhom jiltaqgħu mal-kuġini tagħhom (fuq iz-zuntier tal-knisja ***jew*** maġenb l-iskola).

16. It-tfal damu madwar (siegħa ***jew*** għoxrin minuta) sakemm waslu fit-tarf tar-raħal.

17. Meta marru fejn l-għelieqi t-tfal qabdu l-passaġġ tan-naħa (tax-xellug ***jew*** tal-lemin).

18. Kienet (diffiċli ***jew*** faċli) li jiftħu l-kaxxa tal-injam.

**Malti Taħriġ il-fehem mis-smigħ Frar 2016 Tweġibiet** **Ir-Raba' Sena**

**L-ewwel parti.**

1. tax-xitwa. (marka)

2. bnazzi. (marka)

3. qamu mis-sodda. (marka)

4. kelb (marka)

5.* ħafna kesħa. (2 marki)

6. mappa antika. (marka)

**It-Tieni Parti**

7. it-torċ. (marka)

8. ġewwa l-għar. (marka)

9. tal-injam (marka)

10.* l-għelieqi.(2 marki)

11. friefet il-lejl (marka)

12. tar-ramm. (marka)

**Fuq l-istorja kollha**

13. bil-lejl. (marka)

14. aħwa. (marka)

15. fuq iz-zuntier tal-knisja. (marka)

16. għoxrin minuta. (marka)

17. tal-lemin. (marka)

18. diffiċli. (marka)